MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

Seduta tat-30 ta' Ottubru, 2008

Citazzjoni Numru. 561/2003

**A B f' isimha proprju u bhala kuratrici ad litem ta' uliedha minuri C, D u E, ahwa B**
**vs**
**F B**

**Il-Qorti,**

Rat l-att tac-citazzjoni li permezz tieghu l-attrici ppremettiet u talbet hekk:

Premess illi l-kontendenti izzewgu fid-disgha u ghoxrin ta' Dicembru, elf disa' mija u erbgha u sebghin, (29.12.1974) fil-knisja parrokkjali ta' Hal Luqa (Dok. A) u minn liema zwieg twieldulhom hamest ulied, G u H, llum maggorenni u C, D u Andre ahwa B li llum ghandhom tlettax (13) –il sena, tlettax (13) –il sena u ghaxar (10) snin rispettivament (Dok. B, C, u D);

Premess illi l-konvenut irrenda ruhu hati fil-konfronti ta’ l-attrici martu u tal-qraba taghha, inkluz ulied il-partijiet fuq imsemmija, ta’ eccessi, minacci, sevizzi u ingurji gravi b’ mod li rrenda impossibli l-hajja konjugali bejniethom;

Premess illi inoltre l-konvenut irrenda ruhu hati ta’ adulterju fil-konfront ta’ l-attrici martu;

Premess illi l-hajja matrimonjali bejn il-partijiet hija mpossibli minhabba inkompattibilita’ ta’ karattru bejn il-kontendenti;

Premess illi l-kontendenti gew awtorizzati jipprocedu ghas-separazzjoni personali ad mensa et thoro, skond digriet tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili, digriet numru 473/2003 hawn anness u mmarkat bhala Dok. E;

Jghid ghalhekk il-konvenut ghar-ragunijiet premessi, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna, ghalfejn ma ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali ad mensa et thoro bejn il-partijiet minhabba eccessi, sevizzi, minacci u ingurji gravi li l-imsemmi F B ikkommetta kontra martu u l-qraba taghha u/jew minhabba inkompatibilita’ ta’ karattru bejn il-kontendenti;

2. Tafda l-kura u kustodja ta’ uliedhom minuri C, D u Andre ahwa B f’ idejn l-attrici ommhom fl-ahjar interess ta’ l-istess minuri;

3. Tordna illi l-attrici tinghata d-dritt li tibqa’ tghix fid-dar konjugali cioe’ <indirizz> flimkien ma’ uliedha minuri u dan ad eskluzjoni tal-konvenut zewgha.

4. Tordna lill-konvenut ihallas lill-attrici ghaliha u ghal uliedhom minuri C, D u Andre ahwa B dak il-manteniment li joghgobha tiffissa din il-Qorti skond il-bzonnijiet ta’ l-attrici u l-minuri u l-mezzi ta’ zewgha, liema manteniment ghandu jithallas direttament lill-attrici mill-employer tal-konvenut minn zmien ghal zmien wara li jitnaqqas mis-salarju tal-konvenut;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni ta’ l-akkwisti ta’ bejn il-kontendenti;

6. Tillikwida l-istess komunjoni u taqsamha f’ zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali b’ tali mod li, jekk ikun il-kaz, il-konvenut jitlef kull jedd li ghandu ghan-nofs l-akkwisti illi waqt iz-zwieg ikunu saru l-aktar bil-hila ta’ l-attrici u dan minn data li tigi stabbilita minn din il-Qorti bhala d-data meta l-konvenut ta’ lok li ssir din is-separazzjoni;

7. Tassenja z-zewg porzjonijiet, wahda lill-attrici u l-ohra lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta’ perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta’ qasma, u nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirraprezenta l-eventwali kontumaci fuq l-istess att;

Bl-ispejjez inkluzu dawk quddiem is-Sekond’ Awla, kontra l-konvenut li minn issa huwa ngunt sabiex jidher ghas-subizzjoni.

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet li biha l-konvenut eccepixxa:

Illi t-talbiet huma infondati fil-fatt u fid-dritt peress illi l-allegazzjonijiet li qed taghmel l-attrici huma ghal kollox infondati. Da parti tieghu huwa sahansitra jopponi ghas-separazzjoni ghaliex ma jixtieqx illi jkisser il-familja wara li l-partijiet kienu zmien ilu ghaddew minn proceduri simili, rrikonciljaw u ziedu l-familja bi tlett itfal.

Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati, il-listi tax-xhieda u l-affidavits prezentati;

Rat ir-rapport[1] tal-perit gudizzjarju l-Avukat Dottor Vincent Galea, minnu debitament mahluf;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet il-provi bil-gurament;

---

[1] Fol.247 *et seq.*

Ikkunsidrat;

**Azzjoni**

Illi permezz ta' l-azzjoni odjerna l-attrici qeda titlob is-separazzjoni personali minn ma' zewgha l-konvenut minhabba li l-hajja konjugali bejniethom saret impossibbli ghar-ragunijiet kontemplati fl-artikoli 38 u 40 tal-Kap.16 tal-Ligijiet ta' Malta, imputabbli lill-konvenut.

Minn naha tieghu l-konvenut qed jopponi ghat-talba ghas-separazzjoni personali, u li qed jichad dak addebitat lilu mill-attrici. Hu jsostni li ma jixtieqx ikisser il-familja "wara li l-partijiet kienu zmien ilu ghaddew minn proceduri simili, rrikonciljaw u ziedu l-familja bi tlett-it tfal."[2]

**Separazzjoni Personali**

Mill-provi jirrizulta li l-partijiet kienu zzewwgu fid-29 ta' Dicembru 1974 meta allura l-attrici kellha 23 sena u l-konvenut kellu 19-il sena. Minn dan iz-zwieg twieldu hamest-it tfal: G, H, C u D, li llum huma maggjorenni, u E li twieled fis-17 ta' Mejju 1992 u li ghalhekk illum ghandu 16-il sena.

Jirrizulta pacifiku li qabel it-twelid ta' l-ahhar tlett ulied, il-konvenut kellu relazzjoni extra matrimonjali u kienu nbdew proceduri ghas-separazzjoni personali; izda dawn kienu twaqqfu minhabba rikonciljazzjoni da partii tal-partijiet li sussegwentement kellhom tlett-it tfal ohra.

Jirrizulta wkoll li l-hajja konjugali bejn il-partijiet kienet wahda difficli, u dan minhabba l-karattru nervuz u aggressiv tal-konvenut. Anke wara r-rikonciljazzjoni, il-komportament tieghu fil-konfront ta' martu u ta' uliedu baqa' abbuziv, konsistenti f' aggressjoni verbali kontinwa, okkazzjonalment anke fizika; theddid u umiljazzjoni kontinwa fil-konfront taghhom, partikolarament fil-konfront ta' martu. Rizultat ta' dan, l-attrici kienet kostretta li titlaq mid-dar konjugali bit-tfal taghha u tghix band' ohra, filwaqt li l-konvenut baqa' jghix fid-dar konjugali.

---

[2] Fol.22

Il-komportament aggressiv da parti tal-konvenut baqa' jimmanifesta ruhhu anke fil-mori tal-proceduri odjerni.

**Konsiderazzjonijiet ulterjuri**
Illi f' dan ir-rigward il-Qorti taghmel referenza ghall-konstatazzjonijiet maghmula, u konkluzzjonijiet raggjunti, mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-paragrafi 83 sa 106, u taddottahom.

Mill-provi jirrizulta car li gew provati 'sevizzi' u 'minacci', fit-termini ta' l-artikolu 40, da parti tal-konvenut fil-konfront ta' martu u ta' uliedhom; u li dawn jikkostitwixxu bazi legali ghas-separazzjoni personali kagunata bi htija tieghu. Mill-banda l-ohra ma jrrizultax provat l-adulterju wara r-rikonciljazzjoni li kienet sehhet zmien ilu matul il-konvivenza matrimonjali.

Ghaldaqstant l-ewwel talba ta' l-attrici ssib gustifikazzjoni, legali u fattwali, fil-provi u timmerita li tigi milqugha.

**Kura u Kustodja**
Illi llum il-gurnata dan il-kap jikkoncerna biss lit-tifel E li fis-17 ta' Mejju 2008 ghalaq 16-il sena. Mill-provi jirrizulta car li l-kura u kustodja ta' dan il-minuri ghandha tibqa' fdata f' idejn l-attrici, bid-dritt ta' access favur il-misser darbtejn kull gimgha, siegha kull darba, u darba fil-weekend ghall-tlett sieghat; izda tenut kont ta' l-eta' tal-minuri l-access ghandu jkun konkordat bejnu u bejn il-konvenut.

**Manteniment**
*Arrettrat u futur*
Fl-ewwel lok jirrizulta car li l-konvenut bhala l-parti hatja tal-firda, u li ma pprovax li ghandu xi ostakolu sabiex ikompli jahdem bi qligh, ghandu jkun ikkundannat ihallas manteniment lil martu li llum ghandha circa 57 sena, u lil uliedu sakemm dawn isiru maggjorenni.

Illi mill-provi jrrizulta car li l-konvenut wera ruhhu persuna mhux affidabbli sabiex jadempixxi l-ordni tal-Qorti li jhallas manteniment lil martu u lil uliedu. Di fatti jirrizulta li, ghalkemm l-Onorabbli Qorti tas-Sekond Awla Civili fl-10

ta' April 2003 kienet ordnat lill-konvenut sabiex jhallas lil martu l-attrici fil-gimgha s-somma ta' LM20 bhala manteniment ghaliha u LM30 [LM10 ghal kull wild minuri] manteniment ghat-tlett ulied minuri, dana sallum hallas biss is-somma ta' LM170. Ghaldaqstant, filwaqt li l-konvenut ghandu jaghti lill-attrici somma sostanzjali bhala manteniment arretrat, hija opportun l-applikazzjoni ta' l-artikolu 54[3]] tal-Kap.16.

Illi dwar il-komputazzjoni tal-quantum tal-manteniment dovut, il-Qorti ghamlet is-segwenti kalkoli bazati fuq l-imsemmija rata ta' manteniment, tenut kont tal-fatt li t-tewmin jsiru maggjorenni fil-14 ta' Ottubru 2007, filwaqt li E jsir maggjorenni fis-17 ta' Mejju 2010; u inoltre, l-attrici li llum ghandha circa 57 sena ser tinghata manteniment ulterjuri ghal hames [5] snin wara din l-ahhar data.

Illi ghal perijodu ta' 4 snin li jestendi mill-10 ta' April 2003 sal-11 ta' April 2007, il-manteniment dovut bir-rata ta' LM50 fil-gimgha jekwivali komplessivament ghas-somma ta' LM10,400 li minnha ghandha titnaqqas is-somma ta' LM170 gja mhallsa mill-konvenut. Dan iwassal ghall-figura ta' LM10,230.[3]

Illi ghas-6 xhur li jestendu mit-12 ta' April 2007 sal-11 ta' Ottubru 2007, il-manteniment dovut bl-imsemmija rata huwa ta' LM1,300.[4]

Illi ghas-sentejn [2] u seba' xhur sussegwenti sal-10 ta' Mejju 2010, il-manteniment dovut, bir-rata ta' LM30 fil-gimgha, jammonta ghas-somma ta' LM3,960.[5]

Illi tenut kont ukoll tal-fatt li l-attrici llum ghandha circa 57 u tal-fatt li l-manteniment dovut lilha ghall-futur qed jigi kapitalizzat, il-Qorti ser tikkalkola manteniment fuq perijodu ta' 5 snin ulterjuri ghall-ahhar data imsemmija; u

[3] LM50 × 52wk = LMLM2,600 per annum, × 4yr = LM10,400 – LM170 = LM10,230
[4] It-tewmin isir maggjorenni fl-14 ta' Ottubru 2007. Komputazzjoni: LM50 × 26wk = LM1,300
[5] E jsir maggjorenni fis-17 ta' Mejju 2010. Komputazzjoni: LM30 × 52wk × 2yr = LM3,120 + [LM30 × 28wk] = LM3,960

ghalhekk il-manteniment ta' LM20 fil-gimgha hekk kapitalizzat, iwassal ghall-figura ta' LM5,200.[6]

Ghalhekk il-manteniment dovut mill-konvenut lill-attrici, arretrat u futur, jammonta komplessivament ghas-somma ta' tmienja u erbghin elf mija erbgha u disghin Ewro u erbgha u sebghin ewro centezmu [€48,194.74] ekwivalenti ghal ghoxrin elf, sitt mija u disghin lira Maltin [LM20,690][7]

**Komunjoni ta' l-Akkwisti**
Din tikkonsisti fis-segwenti assi, attiv u passiv:
[1] Id-dar matrimonjali sitwara f' numru 85 Triq il-Qalb ta' Gesu, Rahal il-gdid li skond l-attrici tiswa' "izjed minn LM30,000"[8];
[2] L-ghamara kif elenkata mill-perit legali fir-relazzjoni tieghu fil-paragrafu 113[b][9];
[3] Ghodod elenkati fil-paragru 113[c][10];
[4] Zewg vetturi elenkati fil-paragrafu 113[d][11];
[5] Oggetti tad-deheb elenkati fil-paragrafu 113[e][12];
[6] Kontijiet bankarji;
[7] Inkwilinat ta' garaxx uzat mill-konvenut ghax-xoghol tieghu;
[8] Dejn mal-Bank of Valletta ta' circa LM3,000;
[9] Dejn ta' LM1,100 fuq il-vettura Renault Laguna.

Jigi osservat li l-kumplament tad-djun allegati mill-konvenut mhumiex sostnuti minn provi adegwati; u l-istess jinghad ghall-pretensjoni attrici dwar krediti taghha parafernali.

**Assenjazzjoni**
Il-Qorti tordna li l-imsemmija assi jigu maqsuma u assenjati kif ser jinghad:

[1] Id-dar matrimonjali, numru 85 Triq il-Qalb ta' Gesu, Rahal il-Gdid, tigi valutata mill-Perit F Cassar li qed jigi

[6] LM20 × 52wk × 5yr = LM5,200
[7] LM10,230 + LM1,300 + LM3,960 + LM5,200
[8] Fol.26
[9] Fol.296
[10] Fol.297
[11] Ibid.
[12] Ibid.

nominat espert ghal dan l-iskop, a spejjez taz-zewg partijiet; sakemm il-partijiet ma jaslux ghall-ftehim skritt dwar il-valur ta’ dan il-fond.

Din id-dar ghandha fi zmien sitt xhur tinbigh fuq is-suq hieles, u fin-nuqqas, wara li jiskadi dan il-perijodu, tinbigh bis-subbasta bil-prezz ta’ mhux anqas minn dak stabbilit mill-imsemmi perit jew konkordatt; u r-rikavat, wara li jitnaqqas minnu d-dejn kollu gravanti l-istess fond, jinqasam f’ zewg porzjonijiet ugwali sabiex wahda tinghata lill-attrici, u l-porzjoni l-ohra, wara li jitnaqqas minnha l-ammont ta’ ghoxrin elf, sitt mija u disghin lira Maltin [LM20,690] ekwivalenti ghal tmienja u erbghin elf mija erbgha u disghin Ewro u erbgha u sebghin ewro centezmu [€48,194.74][13] [jew il-bilanc minnu jekk il-konvenut ikun ghamel xi pagamenti sad-data tal-bejgh] li ghandu jinghata lill-attrici, tinghata lill-konvenut.

Illi l-konvenut huwa ordnat sabiex jivvaka l-imsemmi fond fi zmien tlett xhur millum.

In fine l-Qorti tosserva li ma tikkondividix l-konkluzjoni tal-perit legali li d-dar ghandha tigi assenjata fl-intier taghha lill-attrici, u dan in bazi ghar-riflessjoni principali li din hi l-uniku assi ta’ relevanza li jipposjedu l-partijiet u li jidher li saret principalment bl-introjtu tal-konvenut, filwaqt li huwa rikonoxxut li l-attrici ma tantx kellha possibilita’ li tahdem barra mid-dar tenut kont tal-fatt li kellha r-responsabbilita’ diretta tat-trobbija ta’ hamest-it tfal. Inoltre, jigi osservat li ma saret ebda stima oggettiva tal-fond, u din il-Qorti mhijiex propensa li tassenja s-sehem tal-konvenut lill-attrici meta m’ ghandhiex a konoxxenza taghha l-valur reali ta’ dan is-sehem.

[2] Illi l-ghamara ezistenti fil-fond, wara li tigi valutata mill-imsemmi perit, ghandha tinbigh ma’ l-imsemmi fond – sakemm il-partijiet ma jifthemux mod iehor.

[3] Illi kemm l-ghodod, kif ukoll iz-zewg vetturi, bid-djun li hemm fuqhom, u l-inkwilinat tal-garage fejn jahdem il-

[13] LM10,230 + LM1,300 + LM3,960 + LM5,200

konvenut ghandhom jigu assenjati lill-konvenut, filwaqt li dan ghandu jaghti lill-attrici s-somma ta’ tlett elef erba’ mija u erbgha u disghin Ewro u sitt ewro centezmi [€3494.06] ekwivalenti ghal elf u hames mitt lira Maltin [LM1,500] ekwiparazzjoni kalkolata arbitrio boni viri minn din il-Qorti.

[4] Illi l-oggetti tad-deheb ghandhom jinqasmu kif propost mill-perit legali, u cioe’ dak li gie donat lill-minuri, ghandu jibqa’ tal-minuri, filwaqt li kull parti ghandha zzomm dak id-deheb li solitament jintuza minnha.

[5] Illi l-bilanc ezistenti fil-kontijiet bankarji llum ghandhom jinqassmu bejn il-partijiet fi kwoti wgwali.

[6] Illi kull dejn iehor li mhux fuq indikat, u li sar mill-parti ad insaputa tal-parti l-ohra, jibqa’ fl-intier tieghu a kariku ta’ dik il-parti li tkun ikkuntrattatu.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi tiddecidi billi:

[1] tilqa’ l-ewwel talba u tippronunzja s-separazzjoni personali bi htija tal-konvenut, limitatament kif fuq indikat;

[2] tilqa’ t-tieni talba, fit-termini ta’ dak fuq stabbilit u ndikat that is-sezzjoni ntestata “Kura u Kustodja”;

[3] tichad it-tielet talba; filwaqt li tordna li l-konvenut jizgombra mill-istess fond fi zmien tlett xhur millum;

[4] tilqa’ ir-raba’ talba, kif fuq stabbilit u ndikat that is-sezzjoni ntestata “Manteniment”;

[5] tilqa’ il-hames, is-sitt u s-seba’ talba, kif fuq stabbilit u ndikat taht is-sezzjoni ntestata “Komunjoni ta’ l-Akkwisti.”

L-ispejjez kollha jkunu a kariku tal-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------